KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 22.11.2006
KUMM(2006) 708 finali

GREEN PAPER

# Li timmodernizza l-liġi dwar ix-xogħol biex taffaċċa l-isfidi tas-seklu 21

MT MT

## WERREJ


1. Introduzzjoni - L-għan ta' din il-*green paper* .......... 3
2. Il-liġi tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea - is-sitwazzjoni tal-lum
   a. L-iżviluppi fl-Istati Membri .......... 5
   b. Azzjoni fuq livell ta' UE .......... 6
3. L-isfidi ewlenija ta' politika – Suq tax-xogħol flessibbli u inklużiv .......... 7
4. L-immodernizzar tal-Liġi tax-xogħol - kwistjonijeit għad-dibattitu .......... 10
   a. Tranżizzjonijiet ta' l-impjiegi .......... 10
   b. Inċertezza fir-rigward tal-liġi .......... 11
   c. Relazzjonijiet trijangolari .......... 13
   d. L-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol .......... 14
   e. Il-Mobbiltà tal-ħaddiema .......... 14
   f. Kwistjonijiet ta' infurzar u xogħol mhux iddikjarat .......... 15

## 1. INTRODUZZJONI - L-GĦAN TA' DIN IL-*GREEN PAPER*

L-għan ta' din il-*Green Paper* huwa li jitnieda djalogu pubbliku fl-UE dwar kif il-liġi tax-xogħol tista' tevolvi biex tappoġġa l-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Liżbona sabiex jinkiseb it-tkabbir sostenibbli b'aktar impjiegi u impjiegi aħjar. Il-modernizzazzjoni tas-suq tax-xogħol tikkostitwixxi element ewlieni għas-suċċess ta' l-adattabbiltà tal-ħaddiema u l-intrapriżi. Dan l-għan irid jiġi segwit fid-dawl ta' l-għanijiet tal-Komunità ta' xogħol għal kulhadd, produttività tax-xogħol u koeżjoni soċjali. Huwa f'konformità mas-sejħiet tal-Kunsill Ewropew għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi kollha adatti nazzjonali u tal-Komunità, għall-promozzjoni ta' forza tax-xogħol imħarrġa u adattabbli u swieq tax-xogħol li jirrispondu għall-isfidi li ġejjin mill-impatt kollettiv tal-globalizzazzjoni u ta' soċjetajiet Ewropej li qed jixjieħu. Kif enfasizza r-Rapport Annwali tal-Kummissjoni ta' l-2006 dwar il-Progress fit-Tkabbir u x-Xogħol: "*Iż-żieda fir-rispons tas-swieq tax-xogħol Ewropej hija kruċjali għall-promozzjoni ta' l-attività ekonomika u produttività għolja*"[1].

Is-swieq tax-xogħol Ewropej qed jaffaċċaw l-isfida li jgħaqqdu aktar flessibbiltà mal-bżonn li tiġi massimizzata s-sigurtà għal kulħadd[2]. Il-ħtieġa għall-flessibbiltà fis-suq tax-xogħol tat bidu għal iżjed forom ta' kuntratti tax-xogħol differenti, li jistgħu jkunu ferm differenti mill-mudell[3] kuntrattwali standard f'termini tal-grad tax-xogħol u s-sigurtà tad-dħul u l-istabbiltà relattiva tax-xogħol assoċjat u l-kundizzjonijiet tal-ħajja.

Fl-2003 ir-rapport lill-Kunsill Ewropew mit-*Taskforce* dwar l-Impjiegi Ewropej, preseduta minn Wim Kok, osserva li jista' jitfaċċa suq tax-xogħol fuq żewġ saffi li jkun maqsum bejn dawk li jkollhom impjieg permanenti "ta' ġewwa" u dawk "ta' barra"[4], inkluż dawk li m'għandhomx xogħol u huma maqtugħa mis-suq tax-xogħol, kif ukoll dawk li huma impjegati informalment u mhux b'impjieg fiss. Dawn ta' l-aħħar jokkupaw żona fejn l-impjieg bażiku u d-drittijiet tal-ħarsien soċjali jistgħu jkunu mnaqqsa sewwa, u dan jagħti lok għal sitwazzjoni ta' inċertezza dwar il-prospetti futuri tax-xogħol li jaffettwaw ukoll l-għażliet kruċjali tagħhom fil-ħajja privata tagħhom (eż. akkomodazzjoni sigura, ppjanar ta' familja, eċċ). Il-bżonn ta' forom alternattivi ta' impjiegi jistgħu jiżdiedu aktar fin-nuqqas ta' inizjattivi biex jiġi adattat il-kuntratt standard tax-xogħol biex jiffaċilita aktar flessibbiltà kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-intrapriżi. Għalhekk, it-*Taskforce* ħeġġet lill-Istati Membri, biex jevalwaw, u fejn meħtieġ jibdlu, il-livell ta' flessibbiltà provdut mill-kuntratti standard f'oqsma bħal perjodi ta' notifika, spejjeż u proċeduri għal tkeċċija individwali jew kollettivi, jew id-definizzjoni ta' tkeċċija inġusta[5].

Il-Linjigwida Integrati dwar ix-Xogħol u t-Tkabbir[6] jissottolineaw il-bżonn ta' adattazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-impjiegi biex tippromwovi l-flessibbiltà flimkien mas-sigurtà ta' l-impjiegi u tnaqqis fis-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol. Id-djalogu soċjali ukoll għandu rwol

---

[1] "Wasal iż-żmien li nħaffu l-pass" Ir-Rapport Annwali ta' l-2006 tal-Kummissjoni dwar il-Progress fit-Tkabbir u x-Xogħol, p. 6. Ukoll ir-Rapport Konġunt tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar ix-Xogħol 2005/2006, p. 6, 12-13.

[2] ibid.

[3] L-istudju ta' riċerka "L–Istatus tax-Xogħol ta' l-Individwi li ma Jagħmlux Xogħol Standard", minn B.Burchill S.Deakin S.Honey, id-Dipartiment tar-Renju Unit tal-Kummerċ u l-Industrija (1999), jidentifika forom mhux standard ta' xogħol bħala "dawk il-forom ta' xogħol li jitilqu mill-mudell ta' relazzjoni ta' xogħol "permanenti" jew indeterminati mibnija fuq xogħol *full-time*, u ġimgħa ta' xogħol kontinwa".

[4] Impjiegi, Impjiegi, Impjiegi: Il-ħolqien ta' aktar impjiegi fl-Ewropa. Rapport tat-*Taskforce* dwar ix-Xogħol, Novembru 2003, p. 9.

[5] Ibid, Kapitolu 2, p. 30.

[6] 2005 Linjigwida Integrati 2005-2008 (adottati fit-12/07/2005) - ĠU L 205, 6.8.2005, p. 21.

ewlieni sabiex jitfasslu soluzzjonijiet kollettivi u/jew fuq livell partikolari li jippermetti kemm lil dawk "ta' ġewwa" kif ukoll lil dawk "ta' barra" li jagħmlu tranżizzjonijiet b'suċċess bejn is-sitwazzjonijiet differenti ta' xogħol filwaqt li jassistu wkoll lin-negozji biex iwieġbu b'aktar flessibilità għad-domandi ta' ekonomija mmexxija mill-innovazzjoni u għal bidliet fix-xena kompetittiva miġjuba mir-ristrutturar.

Komponenti oħra tal-politika ta' l-istrateġija tal-"flessigurtà" jinkludu t-tagħlim tul il-ħajja li jippermetti lill-persuni li jżommu ruħhom aġġornati mal-ħiliet ġodda meħtieġa; politiki attivi tas-suq tax-xogħol li jinkoraġġixxu lil dawk li m'għandhomx impjieg jew lil persuni inattivi li jieħdu opportunità fis-suq tax-xogħol; u aktar regoli tas-sigurtà soċjali flessibbli li jaħsbu għall-bżonnijiet ta' dawk li jibdlu l-impjiegi tagħhom jew iħallu s-suq tax-xogħol għal perjodu temporanju.

Din il-*Green Paper* tagħti ħarsa lejn ir-rwol li s-suq tax-xogħol jista' jkollu fl-avvanz ta' l-aġenda tal-"flessigurtà" b'appoġġ għal suq tax-xogħol li huwa aktar gust u aktar inklussiv, u li jikkontribwixxi biex jagħmel lill-Ewropa aktar kompetittiva[7]. Din tfittex li:

- Tidentifika l-isfidi ewlenin li għadhom ma tawx rispons adegwat u li jirriflettu deficit ċar bejn il-qafas eżistenti legali u kuntrattwali, fuq naħa, u r-realtajiet tad-dinja tax-xogħol fuq in-naħa l-oħra. L-iffokar ikun prinċipalment fuq l-iskop personali tal-liġi tax-xogħol aktar milli fuq kwistjonijiet kollettivi tal-liġi tax-xogħol.
- Tingaġġa lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri, is-sieħba soċjali u l-partijiet interessati oħra rilevanti f'dibattitu miftuħ dwar kif il-liġi tax-xogħol tista' tgħin fil-promozzjoni tal-flessibbiltà flimkien mas-sigurtà tax-xogħol, indipendentement mill-forma ta' kuntratt, u b'hekk ultimament tikkontribwixxi għal żieda fix-xogħol u jitnaqqas il-qgħad.
- Tistimula d-diskussjoni dwar kif tipi differenti ta' relazzjonijiet kuntrattwali, flimkien mad-drittijiet ta' l-impjiegi applikabbli għall-ħaddiema kollha, jistgħu jiffaċilitaw il-ħolqien ta' l-impjiegi u jgħinu kemm lill-ħaddiem kif ukoll lill-intrapriżi billi jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol, jgħinu lit-tagħlim tul il-ħajja u jrawmu l-kreattività fil-forza tax-xogħol.
- Tikkontribwixxi għal aġenda ta' Regolamentazzjoni Aħjar billi tippromwovi l-modernizzazzjoni tal-liġi tax-xogħol, billi tieħu kont tal-benefiċċji ġenerali u l-ispejjiż involuti, biex tippermetti lil ħaddiema individwali kif ukoll in-negozji li jifhmu b'mod aktar ċar x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi tagħhom. Għandha tingħata konsiderazzjoni lill-problemi affaċċjati speċjalment mill-SMEs fit-trattar ta' l-ispejjeż amministrattivi imposti kemm mill-leġiżlazzjoni nazzjonali kif ukoll dik tal-Komunità.

Konsultazzjoni pubblika miftuħa se ssir dwar din il-*Green Paper* fuq perjodu ta' erba' xhur[8]. Wara konsultazzjoni pubblika, il-kwistjonijiet u l-għażliet ewlenin ta' politika identifikati fit-tweġibiet mill-Istati Membri, sieħba soċjali u partijiet interessati oħra jiġu kkunsidrati f'insegwiment tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fl-2007. Dan għandu jidher fil-kuntest ta' firxa ta' inizjattivi fuq suġġett usa' ta' flessigurtà li l-Kummissjoni qed tiżviluppa

---

[7] Is-suq tax-xogħol m'huwiex l-uniku fattur relevanti f'dan il-kuntest. Il-linjigwida Integrati għax-Xogħol u t-Tkabbir jagħrfu li reviżjoni tal-livelli tat-taxxa tista' wkoll tkun meħtieġa sabiex tiffaċilita l-ħolqien tax-xogħol, speċjalment għal ħaddiema b'paga baxxa. It-trasferiment tat-taxxa minn fuq ix-xogħol għal fuq il-konsum u/jew taxxa fuq it-tniġġis jistgħu wkoll jagħtu kontribut sinifikanti f'dan ir-rigward. Din il-*Green Paper* ma tindirizzax l-immigrazzjoni ekonomika, li hi trattata fil-politika komuni dwar l-immigrazzjoni.

[8] Il-kontribuzzjonijiet permezz tal-forma elettronika jistgħu jsiru mill-websajt tal-Kummissjoni Ewropea f'dan l-indirizz: http://europa.eu.int/yourvoice/consultations/index_en.htm.

f'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri. B'mod partikolari, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-flessigurtà se tiġi ppreżentata f'Ġunju 2007, li tfittex li tiżviluppa l-argumenti favur l-istrateġija tal-flessigurtà u telenka sett ta' prinċipji komuni sat-tmiem ta' l-2007 sabiex tgħin lill-Istati Membri jmexxu l-isforzi tar-riforma.

## 2. IL-LIĠI TAX-XOGĦOL FL-UNJONI EWROPEA - IS-SITWAZZJONI TAL-LUM

### a. L-iżviluppi fl-Istati Membri

L-għan ewlieni tal-liġi tax-xogħol kien li tpatti għan-nuqqas ta' ċarezza ekonomika u inugwaljanza soċjali fi ħdan ir-relazzjoni tax-xogħol. Mill-oriġini tagħha, il-liġi tax-xogħol kellha l-għan li tistabbilixxi l-istatus ta' l-impjieg bħala l-fattur ewlieni li madwaru jiġu żviluppati l-jeddijiet. Dan il-mudell tradizzjonali jirrifletti għadd ta' assunzjonijiet ewlenin dwar l-istatus ta' l-impjieg. Kien jassumi li jinvolvi i) impjieg permanenti, *full-time*; ii) ir-relazzjonijiet ta' l-impjiegi regolati mil-liġi tax-xogħol, bil-kuntratt tax-xogħol bħala l-punt ewlieni; u iii) il-preżenza ta' entità unika ta' min jimpjega li tkun responsabbli għall-obbligi li għandu min iħaddem. Ta' min ifakkar li t-tradizzjonijiet nazzjonali huma differenti ħafna meta wieħed jiġi għall-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-liġi u l-politika tax-xogħol.

Il-progress teknoloġiku mgħaġġel, żieda fil-kompetizzjoni li ġejja mill-globalizzazzjoni, bidla fid-domanda tal-konsumatur u tkabbir sinifikanti fis-settur tas-servizzi wrew il-bżonn għal aktar flessibbiltà. It-tfaċċar ta' mmaniġġjar fil-ħin, it-tqassir taż-żmien ta' l-investiment għall-kumpaniji, il-firxa ta' l-informazzjoni u t-teknoloġiji tal-komunikazzjoni, iż-żieda fl-okkorrenza tax-xiftijiet tad-domanda, wasslu lin-negozji biex jorganizzaw lilhom infushom fuq bażi aktar flessibbli. Dan huwa rifless f'varjetà ta' organizzazzjonijiet tax-xogħol, ħinijiet tax-xogħol, pagi u daqs tal-forza tax-xogħol fl-istadji differenti taċ-ċiklu tal-produzzjoni. Dan il-bidlet ħolqu domanda għal varjetà aktar wiesgħa ta' kuntratti tax-xogħol, kemm jekk koperti espiċitament bil-leġiżlazzjoni nazzjonali u ta' l-UE kif ukoll jekk le.

Il-mudell tradizzjonali tal-relazzjoni ta' l-impjiegi tista' ma tidhirx adatta għall-ħaddiema kollha fuq kuntratti permanenti regolari li jaffaċċaw l-isfida li jadattaw il-bidla u jaħtfu l-opportunitajiet li toffri l-globalizzazzjoni. Termini u kundizzjonijiet protettivi ż-żejjed jista' jżommu lil min jimpjega li jdaħħal in-nies fi żmien ekonomiku tajjeb. Mudelli alternattivi ta' relazzjonijiet kuntrattwali jistgħu jtejbu l-kapaċitajiet ta' l-intrapriżi biex irawmu l-kreattività tal-forza tax-xogħol tagħhom għal aktar vantaġġ kompetittiv.

Sa mill-1990, ir-riforma fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-ħarsien tax-xogħol iffokat fuq li tħaffef ir-regolamentazzjoni eżistenti biex tiffaċilità aktar diversità kuntrattwali[9]. Ir-riforma kellhom it-tendenza li jżidu l-flessibbiltà "fuq il-marġini", i.e. jintroduċu aktar forom ta' flessibbiltà b'anqas ħarsien kontra t-tkeċċija biex jiġi promoss id-dħul ta' ħaddiema ġodda u dawk li qed ifittxu xogħol, fis-suq tax-xogħol u biex oħrajn ikollhom aktar għażla dwar l-impjieg tagħhom. Ir-riżultat kien swieq tax-xogħol dejjem aktar segmentati[10].

L-iżvilupp fid-djalogu soċjali fuq livell nazzjonali, ta' indistrija u ta' intrapriża, li kien immirat li jintroduċi forom ġodda ta' flessibbiltà interna, wera wkoll li r-regoli tax-xogħol jistgħu jiġu adattati għal realtajiet ekonomiċi li qed jinbidlu. Ir-relazzjoni li qed tevolvi bejn il-liġi u ftehimiet kollettivi hija riflessa fil-mod kif ftehimiet simili ikopru kwistjonijiet ġodda (eż. Ristrutturar, kompetittività, aċċess għat-taħriġ) u japplikaw għal kategoriji ġodda ta' ħaddiema (bħal ħaddiema ta' l-aġenziji). Il-ftehimiet kollettivi m'għadx għandhom biss rwol

---

9 Previżjoni ta' l-OECD ta' l-2004 dwar ix-Xogħol-Kapitolu2, "Ir-Regolamentazzjoni tal-Ħarsien ta' l-Impjiegi u r-Rendiment tas-Suq tax-Xogħol".

10 Rapport Konġunt dwar l-Impjieġi, 2005/06.

awżiljarju fl-ikkumplimentar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol kif definiti diġà bil-liġi. Huwa jservu bħala għodod prinċipali għall-aġġustar ta' prinċipji legali għal sitwazzjonijiet ekonomiċi speċifiċi u għal ċirkostanzi partikolari f'setturi speċifiċi.

**b. Azzjoni fuq livell ta' UE**

Fil-livel ta' l-UE, firxa ta' azzjonijiet leġiżlattivi u politiċi, flimkien ma serje ta' studji analitiċi, ittieħdu fl-interess ta' kif forom ta' xogħol aktar flessibbli jistgħu jiġu magħquda ma' drittijiet soċjali minimi għall-ħaddiema kollha.

It-titjib fil-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol fir-rigward ta' kuntratti għal żmien fiss, xogħol *part-time*, xogħol temporanju u xogħol staġonali kien oriġinalment issottolineat fil-Karta Soċjali ta' l-1989 u fil-Programm ta' Azzjoni għall-Karta Soċjali li segwiet[11]. Perjodu ta' dibattitu intensive dwar l-adattabbiltà ta' l-inizjattivi f'livell ta' Komunità relatati ma' dawn ir-relazzjonijiet tax-xogħol laħqu l-quċċata tagħhom fid-Direttivi dwar ix-Xogħol *Part-Time*[12] u Xogħol fuq Żmien Fiss[13] li kellhom effett li jorbot fuq l-oqfsa ta' ftehimiet tas-sieħba soċjali ta' l-UE li jistabbilixxu l-prinċipju ta' trattament ugwali għal ħaddiema *part-time* u fuq żmien fiss f'relazzjoni ma' ħaddiema *full-time* komparabbli.

Fl-2000, il-Kummissjoni nediet l-ewwel stadju ta' konsultazzjoni mas-sieħba soċjali dwar l-immodernizzar tar-relazzjonijiet tax-xogħol, li wasslet għall-addozzjoni fl-2002tal-ftehim qafas dwar it-*telework*[14]. Fl-2002, il-Kummissjoni adottat proposta għal direttiva dwar l-istandards minimi għax-xogħol ta' ħaddiema temporanji fl-aġenziji[15], li fuqhom il-Kunsill għadu ma qabilx dwar pożizzjoni komuni.

Ġew pubblikati studji dettaljati dwar l-evoluzzjoni tal-liġi tax-xogħol fl-UE-15 fil-perjodu 1992-2003[16]. Ir-riżultati ta' dawn l-istudji ġew preżentati f'konferenza "Il-liġi tax-Xogħol fl-Ewropa: Passi lejn l-2010" li ġiet organizzata mill-Presidenza Olandiża fl-2004, bl-appoġġ tal-Kummissjoni[17]. Aktar studji tal-pajjiżi qed isiru biex ikopru l-iżvilupp tal-liġi tax-xogħol fl-UE-25, u fil-Bulgarija u r-Rumanija.

Ir-responsabbiltà għas-salvagwardjar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-titjib fil-kwalità tax-xogħol fl-Istati Membri qiegħda prinċipalment qiegħda fuq il-leġiżlazzjoni nazzjoni fuq l-effettività ta' l-infurzar u l-miżuri ta' kontroll fuq livell nazzjonali. Biex tappoġġa u tikkumplimenta l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' tressaq proposti leġiżlattivi fil-qasam tal-politika soċjali.

Il-Kummissjoni taġixxi wkoll biex tappoġġa azzjoni meħuda mill-Istati Membri u s-sieħba soċjali biex isaħħu l-għanijiet ta' Liżbona dwar ix-xogħol u t-tkabbir permezz ta' l-appoġġ tagħha għal firxa wiesgħa ta' strumenti ta' politika inkluż id-Djalogu Soċjali ta' l-UE u miżuri finanzjarji bħall-Fond Soċjali Ewropew, Progress, u l-Fond Ewropew għall-Aġġustament tal-

---

11 Il-Kummissjoni Ewropea, Programm ta' Azzjoni għall-Karta Soċjali, Novembru 1989.

12 Id-Direttiva 97/81/KE rigward il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol *part-time* konkluż mill-UNICE, CEEP u ETUC.

13 Id-Direttiva 1999/70/KE rigward il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol fuq żmien fiss konkluż mill-UNICE, CEEP u ETUC.

14 Fuq talba tas-sieħba soċjali, il-Kummissjoni bdiet studju minn Adalberto Perulli "Xogħol ekonomikament dipenenti / kważi-subordinat (parasubordinat): aspetti legali, soċjali u ekonomiċi" (2002);

15 KUMM(2002) 149, 20.3.2002, li kienet preżentata wara li s-sieħba soċjali pprovaw jilħqu ftehim mingħajr suċċess u wara u aktar tard immodifikata minn KUMM(2002) 701, 28.11.2002.

16 L-Evoluzzjoni tal-Liġi tax-Xogħol (1992-2003), vol. I u II. Ġie preparat rapport ġenerali li jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva ta' l-evoluzzjoni tal-liġi tax-xogħol fl-UE-15.

17 Ara wkoll il-Konklużjonijeit Finali tal-konferenza tal-Presidenza Daniża, Leiden, 2004, http://internationalezaken.szw.nl/index.cfm?fuseaction=dsp_document&link_id=44922#3738600

Globalizzazzjoni propost. Metodi miftuħa ta' koordinament fl-oqsma tal-politiki tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali jgħinu wkoll biex jiżguraw mobbiltà sħiħa tal-ħaddiema madwar l-Ewropa fi ħdan il-kuntest tat-Trattati. Dawn jgħaqqdu għanijiet konkreti u għanijiet ta' politika stabbilti fuq livell ta' UE, li jiġi tradotti fi pjanijiet nazzjonali, l-użu ta' miri u indikaturi biex ikejlu l-progress, skambju ta' esperjenza u reviżjoni mis-sieħba sabiex wieħed jitgħallem mill-prattiki tajba ta' xulxin.

## 3. L-ISFIDI EWLENIJA TA' POLITIKA – SUQ TAX-XOGĦOL FLESSIBBLI U INKLUŻIV

Dan l-aħħar tfaċċat proliferazzjoni ta' forom kuntrattwali differenti minħabba n-nuqqas ta' adattament aktar komprensiv tas-suq tax-xogħol u ftehimiet kollettivi għall-iżviluppi ta' bidliet mgħaġġla fl-organizzazzjoni tax-xogħol u s-soċjetà. Billi jużaw arranġamenti kuntrattwali mhux standard, in-negozji qed ifittxu li jibqgħu kompetittivi f'ekonomija globalizzata billi jevitaw *inter alia* l-ispiża tal-konformità mar-regoli tal-ħarsien ta' l-impjieg, perjodi ta' notifika u l-ispejjeż assoċjati mal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Il-piżijiet amministrattivi assoċjati ma' l-impjegar ta' impjegati regolari ukoll għandhom influwenza sinifikattiva fuq it-tkabbir ta' l-impjiegi, partikolarment f'kumpaniji żgħar[18]. Arranġamenti kontrattwali mhux standard kif ukoll standard imma flessibbli ippermettew lin-negozji li jwieġbu malajr għax-xejriet tal-konsumaturi li jinbidlu malajr, teknoloġiji li qed jevolvu u opportunitajiet ġodda biex jattiraw u jżommu forza tax-xogħol aktar diversa permezz ta' tqabbil aħjar ta' l-impjiegi bejn id-domanda u l-forniment. Il-ħaddiema kellhom ukoll aktar għażla partikolarment fir-rigward ta' arranġamenti dwar il-ħin tax-xogħol, żieda fl-opportunitajiet tal-karriera, bilanċ aħjar bejn il-ħajja familjari, ix-xogħol u l-edukazzjoni kif ukoll aktar responsabbiltà individwali.

Kuntratti għal żmien fiss, kuntratti *part-time*, kuntratti fuq sejħa, kuntratti bla ħinijiet, kuntratti għal ħaddiema impjegati minn aġenziji temporanji tax-xogħol, kuntratti *freelance,* eċċ, saru fattur stabbilit tas-swieq tax-xogħol Ewropej. Is-sehem ta' l-impjiegi totali meħuda minn dawk ingaġġati f'arranġamenti ta' xogħol li huwa differenti mill-mudell kuntrattwali standard kif ukoll dawk impjegati għal rashom mill-2001 żdied minn aktar minn 36% għal kważi 40% fil-forza tax-xogħol ta' l-UE-25 fl-2005[19]. L-impjiegi *part-time*, bħala perċentwali ta' l-impjiegi totali, żdiedu minn 13% ta' l-impjiegi totali għal 18% fl-aħħar 15-il sena. Dawn taw kont għal kontribuzzjoni akbar (madwar 60%) tal-ħolqien ta' l-impjiegi wara l-2000 mix-xogħol standard *full-time.* Ix-xogħol *part-time* jibqa' prinċipalment fattur tax-xogħol tan-nisa – bi kważi terz tan-nisa li jaħdmu jagħmlu xogħol *part-time* meta mqabbla ma' 7% biss ta' l-irġiel. Ix-xogħol fuq żmien fiss żdied bħala perċentwali ta' l-impjegar totali minn 12% fl-1998 għal aktar minn 14% fl-UE-25. Bil-maqlub tax-xogħol *part-time*, fix-xogħol għal żmien fiss ma hemmx differenza kbira fis-sessi tal-ħaddiema[20]. Minħabba l-livell ta' parteċipazzjoni li qed tiżdied f'dawn il-kuntratti, il-livell ta' flessibbiltà provdut taħt kuntratt standard jista' jkollu bżonn jiġi eżaminat biex tiżdied il-kapaċità li jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ, iż-żamma u l-iskop għall-progressjoni fi ħdan is-suq tax-xogħol.

---

18 Osservatorju ta' l-SMEs Ewropej Nru 7, Reklutaġġ tal-ħaddiema: Piżijiet amministrattivi fuq l-SMEs fl-Ewropa, 2002, p.11.

19 Linjigwida dwar ix-Xogħol (2005-08):_Indikatur għall-impjegati totali b'kuntratti *part-time* u/jew għal żmien fiss flimkien ma' dawk impjegati għal rashom bħala % tal-persuni impjegati bbażat fuq is-Serbejn tal-Forza tax-Xogħol ta' l-UE, 2005, ESTAT.

20 L-Impjiegi fl-Ewropa, 2006, Anness Statistiku. Il-kuntratti tax-xogħol *part-time* jistgħu jkunu indeterminate kif ukoll temporanji. L-aħħar *data* turi li l-perċezzjonijiet tal-ħaddiema dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom fir-Raba' Servej tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol fl-Ewropa li jsir mill-Fondazzjoni Ewropa turi li 68% tal-ħaddiema *part-time* huma sodisfatti bl-iskeda tax-xogħol tagħhom meta kkumparati ma' 23% li jixtiequ jaħdmu ħinijiet itwal u 9% li jixtiequ jaħdmu anqas ħin.

L-imjiegi ta' min jaħdem għal rasu ukoll huma mezz ta' kif wieħed ilaħħaq ma' l-istrutturar, inaqqas l-ispejjeż tax-xogħol diretti jew indiretti u jimmaniġġja r-riżorsi b'mod aktar flessibbli bi tweġiba għal ċirkostanzi ekonomiċi mhux previsti. Dan jirrifletti wkoll il-mudell tan-negozju li huwa orjentat lejn is-servizz u twassil ta' proġetti sħaħ għall-klijenti. F'ħafna każijiet dan jirrifletti l-għażla ħielsa għal xogħol indipendenti minejja livelli aktar baxxi ta' ħarsien soċjali b'paragun ma' kontroll aktar dirett fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ħlas. Fl-2005, fl-UE-25 kien hemm aktar minn 31 miljun ħaddiem li jaħdmu għal rashom jew 15% tat-total tal-forza tax-xogħol[21]. Dawk li jaħdmu għal rashom waħedhom u mingħajr ħaddiema impjegati magħhom jikkostitwixxu 10% tal-ħaddiema kollha ta' l-UE-25. Għalkemm l-agrikoltura u l-bejgħ għandhom jinkludu il-parti l-kbira ta' dawn il-ħaddiema f'din il-kategorija, dawn qed jiżdiedu fis-setturi tal-kostruzzjoni u s-servizzi personali ossoċjati ma' l-ogħti tax-xogħol, sotto-kuntratti u xogħol ibbażat fuq proġetti.

Madankollu, hemm xhieda ta' xi effetti ħżiena assoċjati mad-diversità li qed tiżdied ta' l-arranġamenti tax-xogħol[22]. Hemm riskju li parti mill-forza tax-xogħol tinqabad b'numru suċċessiv ta' impjiegi għal żmien qasir ta' kwalità baxxa u b'ħarsien soċjali inadegwat li tħallihom b'pożizzjoni vulnerabbli. Madankollu xogħlijiet simili jistgħu jservu bħala l-ewwel pass li jippermettu lill-persuni, partikolarment lil dawk li għandhom xi diffikultajiet li jidħlu fis-suq tax-xogħol.

Id-*data* ta' l-UE-15 turi li madwar 60% ta' dawk li daħlu f'arranġamenti kuntrattwali li m'humiex standard fl-1997 kellhom kuntratti standard fl-2003. Madankollu, 16% tagħhom kienu għadhom fl-istess sitwazzjoni filwaqt li 20% ma baqgħux jaħdmu[23]. Hemm ukoll dimensjoni qawwija tas-sessi u dimensjoni interġenerazzjonali marbutin mar-riskju ta' pożizzjoni aktar dgħajfa fis-suq tax-xogħol minħabba li n-nisa, ħaddiem kbar fl-età u ħaddiem żgħażagħ li għandhom kuntratti mhux standard għandhom anqas ċans li jtejbu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol[24]. Wieħed madankollu jrid jikkunsidra li Stati Membri differenti għandhom rati ferm differenti ta' tranżizzjoni.

Ir-rapport[25] riċenti ta' l-2006 L-Impjiegi fl-Ewropa, jirreferi għas-sejbiet li leġiżlazzjoni ta' ħarsien strett ta' l-impjiegi għandha t-tendenza li tnaqqas id-dinamiżmu tas-suq tax-xogħol, u ttellef il-prospetti tan-nisa, taż-żgħażagħ u ta' ħaddiema akbar fl-età. Ir-rapport jindika li deregolamentazzjoni "fil-marġini", filwaqt li jinżammu regoli stretti intatti għal kuntratti regolari, għandhom it-tendenza li jiffavorixxu l-iżvilupp ta' partijiet tas-swieq tax-xogħol li għandhom impatt negattiv fuq il-produttività. Jisħaq ukoll li l-ħaddiema iħossuhom aktar protetti b'sistema ta' appoġġ f'każ ta' qgħad milli b'leġiżlazzjoni ta' ħarsien ta' l-impjiegi. Sistemi ta' benefiċċju għall-qgħad imfassla tajjeb, koordinati ma' politiki attivi tas-suq tax-xogħol jidher li jaħdmu aħjar bħala assigurazzjoni kontra r-riskji tas-suq tax-xogħol.

Fil-kuntest tal-globalizzazzjoni, ir-ristrutturar li għajjej u l-mixja lejn ekonomija bbażata fuq it-tagħrif, is-swieq tax-xogħol Ewropej għandhom bżonn ikunu aktar inklussivi u jwieġbu aktar għall-innovazzjoni u għall-bidla. Ħaddiema li huma potenzjalment vulnerabbli jeħtieġ li jkollhom opportunitajiet li jippermettulhom itejbu l-mobbiltà tagħhom u jiksbu suċċess fit-

---

21 ibid, ukoll Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa, 2004. Dan it-tip ta' impjieg (xogħol għal rasek) huwa partikolarment sinifikanti fil-Polonja, l-Ungerija, il-Litwanja, il-Latvja u l-Estinja fost l-Istati Membri ġodda ta' l-UE, kif ukoll fir-Renju Unit, l-Irlanda, il-Portugall u l-Olanda.

22 Impjiegi Diffiċli fl-Ewropa: Studju kumparattiv tar-riskji relatati mas-suq tax-xogħol f'ekonomiji flessibbli. ESOPE Rapport Finali Direttorat Ġenerali għar-Riċerka, 2004.

23 L-impjiegi fl-Ewropa 2004, p. 15 u Kapitolu 4. Irid jiġi rikonoxxut li mhux il-kuntratti standard kollha jistgħu jiġu meqjusa bħala diffiċli.

24 Ix-Xogħol fl-Ewropa, 2004, Kapitolu 4, p. 181.

25 L-Impjiegi fl-Ewropa, 2006. p. 81 et seq.

tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol. L-oqfsa legali li jappoġġaw ir-relazzjoni standard ta' l-impjiegi jistgħu ma joffrux skop biżżejjed jew l-inċentiva għal dawk b'kuntratti permanenti regolari biex jesploraw l-opportunitajiet għal aktar flessibbiltà tax-xogħol. Biex l-innovazzjoni u l-bidla jiġu mmaniġġjati b'suċċess, is-swieq tax-xogħol ikollhom bżonn jindirizzaw tliet kwistjonijiet ewlenin: il-flessibbiltà, is-sigurtà ta' l-impjieg u l-kwistjonijiet ta' segmentazzjoni. L-għan ta' din il-*Green Paper* huwa li tippromwovi dibattitu dwar jekk humiex meħtieġ qafas regolatorju aktar risponsiv biex jappoġġa l-kapaċità tal-ħaddiema biex jantiċipaw u jimmaniġġjaw il-bidla indipendentement mill-fatt humiex ingaġġati b'kuntratti indefinite jew kuntratti temporanji li m'humiex standard.

Mistoqsijiet

1. X'tikkunsidra li jkunu l-prijoritajiet għal aġenda ta' riforma siewja tas-suq tax-xogħol?

2. L-addattazzjoni tal-liġi tax-xogħol u l-ftehimiet kollettivi tista' tikkontribwixxi għal flessibbiltà aħjar u aktar sigurtà ta' l-impjieg u għal tnaqqis tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol? Jekk iva, kif?

3. Ir-regolamenti eżisteni, kemm jekk f'forma ta' liġi u/jew ftehimiet kollettivi, jtellfu jew jistimulaw lill-intrapriżi u lill-ħaddiema li jfittxu li jieħdu l-opportunitajiet sabiex iżidu l-produttività u jaġġustaw l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda u bidliet marbuta mal-kompetizzjoni internazzjonali? Kif jistgħu jsiru bidliet fil-kwalità tar-regolamenti li jaffettwaw lill-SMEs, filwaqt li dawn iżommu l-għanijiet tagħhom?

4. Kif jista' jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ taħt kuntratti permanenti u temporanji, kemm jekk bil-liġi jew ftehim kollettiv, sabiex jippermetti aktar flessibbiltà fi ħdan il-qafas ta' dawn il-kuntratti filwaqt li jiżgura standards adegwati ta' sigurtà ta' l-impjieg u ħarsien soċjali fl-istess ħin?

## 4. L-IMMODERNIZZAR TAL-LIĠI TAX-XOGĦOL - KWISTJONIJEIT GĦAD-DIBATTITU

### a. Tranżizzjonijiet ta' l-impjiegi

Fil-parti l-kbira ta' l-Istati Membri l-liġijiet tax-xogħol u s-sigurtà soċjali ġew imfassla biex jipprovdu protezzjoni għall-impjegati dipendenti f'xogħlijiet partikolari. Dawn jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jgħinu lill-ħaddiema jagħmlu tranżizzjoni minn status għal ieħor, kemm jekk f'każ ta' diskontinwazzjonijiet involuntarji (eż. tkeċċija u qgħad) jew diskontinwazzjonijiet voluntarji (eż. f'każ ta' *leave* għal edukazzjoni u taħriġ, responsabbiltajiet ta' kura, waqfiet tal-karriera u *leave* tal-ġenituri). Il-problemi tal-ħaddiema nisa li huma rrappreżentati b'mod mhux proporzjonali fil-forom ġodda ta' arranġamenti tax-xogħol u li għadhom qed jaffaċċjaw ostakoli biex jiksbu drittijiet sħaħ u l-benefiċċji soċjali, ukoll għandhom bżonn jiġu indirizzati.

L-opportunitajiet biex tidħol, tibqa u tagħmel progress fis-suq tax-xogħol ivarjaw konsiderevolment, u kemm il-leġiżlazzjoni tal-ħarsien soċjali kif ukoll il-qafas kontrattwali legali fuq livell nazzjonali għandhom impatt qawwi fuq it-tranżizzjonijiet ta' l-istatus ta' l-impjieg, speċjalment fir-rigward tal-pożizzjoni ta' dawk li jkunu qgħieda fit-tul u "ta' barra" li għàndhom xogħol diffiċli. Eżempji ta' miżuri tal-liġi tax-xogħol li jappoġġaw tranżizzjonijiet tax-xogħol li ġew żviluppati permezz ta' proċess ta' djalogu soċjali fuq livell nazzjonali jinkludu l-Att Olandiż ta' l-1999 dwar il-Flessibbiltà u s-Sigurtà, l-Att Awstrijak ta' l-2002[26]

[26] Ara l-kummentarju dwar dawn l-eżempji kkwotat fir-Rapport tat-Task Force dwar ix-Xogħol, paġni 33 u 35, kif ukoll il-Previżjoni ta' l-OECD ta' l-2004 dwar ix-Xogħol, Kapitolu 2.

dwar Tmiem ta' Impjieg (*Abfertigungsrecht)* u d-digriet Spanjol ta' Ġunju ta' l-2006 li jħaffef il-konverżjoni ta' kuntratti temporanji tax-xogħol f'kuntratti tax-xogħol miftuħa bi spejjeż anqas għal tkeċċija[27]. Ir-riforma Awstrijaka tipprovdi eżempju interessanti ta' bidla radikali lilhinn mis-sistema bbażata fuq relazzjoni tradizzjonali ta' impjiegi bejn *ħaddiem wieħed* u *kumpanija waħda* għal waħda bbażata fuq fond għall-għoti ta' benefiċċju lill-impjegat li jkun operat fuq livell nazzjonali. Ir-rabta bejn l-impjegat li tkeċċa u l-kumpanija inqatgħet permezz tal-ħlas ta' darba għat-twaqqif ta' l-impjieg. Ir-regoli l-ġodda jippermettu lill-ħaddiema li jitilqu meta jsibu impjieg alternattiv minflok jibqgħu f'impjieg partikolari minħabba li jibżgħu li jitilfu l-ħlas ta' meta jwaqqfu l-impjieg. Ir-riforma neħħiet it-theddida għall-eżistenza ta' kumpanija li setgħet ġiet mill-ispejjeż li kien ikollha biex tkeċċi numru ta' nies f'daqqa, filwaqt li l-kontribuzzjoni ta' min iħaddem għat-tfaddil individwali jistgħa jiġi mqassam fuq perjodu ta' żmien. Minn perspettiva ta' impjegat, is-sistema l-ġdida tnaqqas l-ispiża tal-mobilità ta' l-impjiegi minħabba li l-ħaddiema ma jibqgħux jitilfu l-jedd tagħhom għall-ħlasijiet ta' twaqqif ta' impjieg meta jsibu impjieg ġdid.

L-adottar ta' strateġija ta' ċiklu tal-ħajja għax-xogħol jista' jeħtieġ ixxiftjar minn tħassib biex jiġi mħarsa xogħlijiet partikolari għal qafas biex jappoġġa s-sigurtà ta' l-impjiegi inkluż appoġġ soċjali u miżuri attivi biex jappoġġaw il-ħàddiema matul il-perjodi ta' tranżizzjoni. Dan huwa dak li kisbet id-Danimarka billi għaqqdet leġiżlazzjoni "ħafifa" għall-ħarsien ta' l-impjiegi, miżuri intensivi attivi tas-suq tax-xogħol, u investiment sostanzjali fit-taħriġ kif ukoll benefiċċji tal-qgħad għolja pero` b'kundizzjonijiet qawwija.

Mistoqsijiet

5. Ikun utli li wieħed jikkunsidra għaqda ta' leġiżlazzjoni għall-ħarsien ta' l-impjiegi aktar flessibbli u livell għoli ta' għajnuna għall-persuni qgħieda, kemm f-forma ta' kumpens għad-dħul (i.e. politiki passivi tas-suq tax-xogħol) u politiki attivi tas-suq tax-xogħol?

6. Xi rwol jista' jkollhom il-liġi u/jew il-ftehimiet kollettivi negozjati bejn is-sieħba soċjali sabiex jippromwovui l-aċċess għat-taħriġ u t-tranżizzjonijiet bejn forom kuntrattwali differenti għal mobilità 'l fuq tul il-kors ta' ħajja tax-xogħol kompletament attiva?

### b. Inċertezza fir-rigward tal-liġi

It-tfaċċer ta' forom diversi ta' xogħol mhux standard għamel anqas ċari il-fruntieri tal-liġi tax-xogħol u dik kummerċjali. Id-distinzjoni tradizzjonali bejn "ħaddiem" u "dak li jaħdmu għal rashom" indipendenti, m'għadhiex deskrizzjoni adatta tar-realtà ekonomika u soċjali tax-xogħol. Argumenti rigward in-natura legali tar-relazzjoni tax-xogħol jistgħu jfiġġu meta dik ir-relazzjoni tkun ġiet jew moħbija jew fejn tfiġġ diffikultà ġenwina meta wieħed jipprova li jqiegħed arranġamenti ta' xogħol ġodda u dinamiċi fil-qafas tradizzjonali tal-relazzjoni ta' l-impjiegi.

L-impjegar moħbi jseħħ meta persuna li tkun impjegata tiġi klassifikata bħala xi ħaġa oħra barra impjegata sabiex jinħeba l-istatus legali vera tagħha u biex jiġu evitati l-ispejjeż li jistgħu jinkludu taxxi u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Din il-prattika illegali tista' sseħħ permezz ta' użu mhux xieraq ta' l-arranġamenti ċivili jew kummerċjali.

L-azzjoni fuq livell nazzjonali biex tiġġieled dan il-fenomenu ta' impjegar moħbi, spiss żviluppat b'kollaborazzjoni mas-sieħba soċjali, inkludiet minn introduzzjoni ta' regoli legali

27 Ara r-Rapport on-line ta' l-Osservatorju Ewropew tar-Relazzjonijiet Industrijali ta' Awwissu 2006, http://www.eiro.eurofound.eu.int/2006/05/articles/es0605019i.html.

mandatorji ta' tkomplija[28] għal titjib tal-mekkaniżmi ta' l-infurzar inkluż kampanji mmirati u informazzjoni speċjali u inizjattivi ta' kuxjenza[29]. Definizzjoni legali mhux ċara ta' l-istatus ta' dawk li jaħdmu għal rashom fl-oqfsa legali u amministrattivi jistgħu jirriżultaw f'persuni, li jaħsbu li huma jaħdmu għal rashom, u sussegwentement isibu lilhom infushom klassifikabbli mill-aġenziji tas-sigurtà soċjali jew l-istituzzjonijiet tat-taxxa bħala impjegata dipendenti. Dan jista' jirriżulta f'obbligu għal dawk li jaħdmu għal rashom/impjegati u l-klijent ewlieni/min iħaddem li jħallas kontribuzzjonijiet addizzjonali tas-sigurtà soċjali[30]. Il-Kummissjoni saħqet li l-problema ta' persuni li jippużaw b'mod falz bħala ħaddiema li jaħdmu għal rashom biex jaħarbu l-liġi nazzjonali[31] għandhom jiġu trattati mill-Istati Membri[32].

Il-kunċett ta' '*xogħol ekonomikamnet dipendenti*' ikopri sitwazzjonijiet li jaqgħu bejn iż-żewġ kunċetti stabbiliti ta' impjegar subordinat u ħaddiema għal rashom indipendenti. Dawn il-ħaddiema m'għandhomx kuntratt ta' xogħol. Jistgħu ma jkunux koperti b'liġi tax-xogħol minħabba li jokkupaw żona mhux ċara bejn il-liġi tax-xogħol u l-liġi kummerċjali. Għalkemm formalment 'jaħdmu għal rashom', ekonomikament jibqgħu dipendenti fuq klijent/min iħaddem, wieħed, jew wieħed prinċipali, għad-dħul tagħhom[33]. Dan il-fenomenu għandu jiġi distint b'mod ċar mill-klassifikazzjoni ħażina appost ta' dawk li ħaħdmu għal rashom. Xi Stati Membri diġà introduċew miżuri leġiżlattiv biex jissalvagwardjaw l-istatus legali ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom li huma ekonomikament dipendenti u vulnerabbli[34].

Filwaqt li dawn il-metodi kienu sa ċertu grad tentattivi u parzjali, huma jirriflettu sforzi min-naħa tal-leġiżlaturi, il-qrati u s-sieħba soċjali biex jaffrontaw problem f'din iż-żona komplessa. "L-istrateġija mmirata" adottata mir-Renju Unit biex tistabbilixxi drittijiet differenti u responsabbiltajeit fil-liġi tax-xogħol għall-"ħaddiema" u "impjegati" huwa

---

28 L-Att Olandiż ta' l-1991 dwar il-Flessibbiltà u s-Sigurtà, introduċa tkomplija mandatorja legali fejn jeżistu kuntratt tax-xogħol meta x-xogħol ikun twettaq għal persuna oħra għal paga fuq bażi ta' kull ġimgħa, jew għall-anqas għoxrin siegħa fix-xahar matil tliet xhur konsekuttivi.

29 Bħala konsegwenza tal-ftehimiet riċenti ta' sħubija soċjali konklużi fl-Irlanda u Spanja, il-gvernijiet rispettivi qablu li jżidu in-numru ta' spetturi tax-xogħol.

30 It-Tieni Karriera: Negħlbu l-ostakoli affaċċjati minn impjegati dipendenti li jridu jaħdmu għal rashom u/jew jiftħu n-negozju tagħhom. Direttorat Ġenerali għall-Intrapriċi, il-Kummissjoni Ewropea (2004), p. 8, 29-31.

31 L-organizzazzjonijiet tas-sieħba soċjali osservaw li xogħol "ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom" fittizju, fornimetn ta' servizzi fittizzji u katini estiżi ta' sotto-kuntrattar ġew użawti biex jaħarbu restrizzjonijiet tranżizzjonali wara t-tkabbir għal aċċess għal xi uħud mis-swieq tax-xogħol nazzjonali. Ara r-Rapport dwar il-Funzjonament ta' l-Arranġamenti Tranżizzjonali stabbilit fit-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 - KUMM(2006) 48, 8.2.2006.

32 Għalhekk, il-Kummissjoni tilqa' l-adizzjoni f'Ġunju ta' l-2006 ta' Rakkomandazzjoni dwar ir-Relazzjoni tax-Xogħol fil-95 laqgħa tal-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol li ti'promwovi l-formulazzjoni u l-addozzjoni mill-istati membri, b'konsultazzjoni mas-sieħba soċjali, tal-politiki nazzjonali għal reviżjoni regolari ta' l-iskop tal-liġijiet tagħhom, u fejn meħtieġ jiċċarawhom u jadattawhom, sabiex jiggarantixxu ħarsien effettiv tal-ħàddiema li jwettqu xogħol fil-kuntest ta' relazzjoni ta' impjegar. Dan l-istrument li ma jorbotx għandu metodu strateġiku, billi jitlaq in-natura u l-grad tal-ħarsien mogħti lill-ħaddiema f'relazzjoni ta' impjegar kif definita mill-liġi u l-prattika nazzjonali.

33 Dan mhux bil-fors ifisser li dawn il-ħaddiema qegħdin f'sitwazzjoni vulnerabbli.

34 Xi eżempji jinkludu il-kunċett ħaddiema "bħal ħaddiema" li jikkorrispondu għall-idea tal-liġi ċivili ta' "*parasubordinazzjoni"* fl-Italja u l-Ġermanja. Fil-Ġermanja l-emendi għall-Kodiċi Soċjali introdotti fl-1999 biex ikopru l-istatus tas-sigurtà soċjali ta' ħaddiema ekonomikament dipendeti ġew sussegwentement modifikati fl-2002 (ara l-Evoluzzjoni tal-Liġi tax-Xogħol, Vol. 2 pp. 151-153). Fi Spanja, l-Istatus tal-Ħaddiema li Jaħdmu għal Rashom huwa previst, li jagħti effett għall-ftehim konkluż fis-26 ta' Settembru 2006 bejn il-gvern Spanjol u r-rappreżentanti ewlenin ta' dawk li jaħdmu għal rashom, dwar id-drittijiet u l-benefiċċi ta' dawk li jaħdmu għal rashom, inkluż ħaddiema li huma dipendenti ekonomikament.

eżempju ta' kif il-kategoriji ta' ħaddiema vulnerabbli f'relazzjonijiet kumplessi ta' xogħol ġew mogħtija drittijiet minimi mingħajr estensjoni tal-firxa sħiħa tal-jeddijiet tal-liġi tax-xogħol assoċjali ma' kuntratti tax-xogħol standard[35]. Id-drittijiet anti-diskriminazzjoni, il-ħarsien tas-sigurtà u s-saħħa, il-garanziji tal-paga minima kif ukoll is-salvagwarji għad-drittijiet ta' negozjar kollettivi, ġew estiżi b'mod selettiv għal ħaddiema ekonomikament dipendenti f'għadd ta' Stati Membri. Drittijiet oħra, partikolarment dawk relatati ma-notifika u t-tkeċċija, għandhom it-tendenza li jiġu ristretti għal ħaddiema regolari li temmew il-perjodu preskritt ta' impjegar kontinwu.

Fuq livell ta' Komunità, ir-regolament tal-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' l-aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom juri kif ir-regoli tas-Suq Intern jistgħu jixbhu mill-qrib aspetti tal-liġi tax-xogħol. Sabiex wieħed jipprovdi ħarsien bażiku lil aġenti kummerċjali indipendenti fit-trattat mal-prinċipali tagħhom, id-Direttiva 86/653/KEE[36] tistabbilixxi dispożizzjonijiet fir-rigward, *inter alia*, il-ħlas ta' renumerazzjoni; kundizzjonijiet għall-konverżjoni ta' kuntratti fissi għal kuntratti ta' dewmien indefinittiv; Kif ukoll kumpens fl-eventwalità ta' dannu li wieħed isofru minħabba t-twaqqif ta' kuntratt.

Kien hemm min argumenta li kundizzjonijiet minimi għandhom jiġu introdotti għal kuntratti kollha ta' xogħol personali għal servizzi li jingħataw minn persuni li jaħdmu għal rashom li huma ekonomikament dipendenti[37]. Filwaqt li tiżdied iċ-ċarezza u t-trasparenza u jiġi żgurat il-livell minimu ta' ħarsien ta' dawk li jaħdmu għal rashom, kundizzjonijiet simili jistgħu, madankollu, jkollhom effett li jillimita l-iskop ta' dawn l-arranġamenti kuntrattwali.

Mistoqsijiet

7. Hemm bżonn ta' aktar ċarezza fid-definizzjonijiet legali ta' l-Istati Membri dwar l-impjiegi u xogħol ta' min jaħdem għal rasu biex jiġu faċilitati tranżizzjonijiet *bona fide* minn impjegar għal xogħol għal rasek u *vice versa*?

8. Hemm bżonn ta' "drittijiet bażiċi" li jitrattaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema kollha indipendentement mill-forma tal-kuntratt tagħhom? Fl-opinjoni tiegħek, x'ikun l-impatt ta' kundizzjonijiet minimi simili fuq il-ħolqien tax-xogħol kif ukoll fuq il-ħarsien tal-ħaddiema?

### c. Relazzjonijiet trijangolari

L-inċidenza dejjem ikbar ta' impjiegi temporanji permezz ta' aġenzja wasslet għal bidliet fil-liġi tax-xogħol f'xi Stati Membri sabiex jiġu stabbiliti r-responsabbiltajiet rispettivi tal-provveditur tax-xogħol u l-impriża ta' l-utent għal-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema. Ir-"relazzjoni trijangolari" bejn impriża ta' l-utent, impjegat u aġenzija, normalment titfaċċa meta ħaddiem temporanju minn aġenzija jkun impjegat mill-aġenzija tax-xogħol temporanju, u mbagħad jingħata b'kiri biex iwettaq xi xogħol fil-kumpanija ta' l-utent permezz ta' kuntratt kummerċjali. Is-sitwazzjoni ta' 'żewġ impjegaturi' żżid mal-kumplessità tar-relazzjoni ta' l-impjieg[38].

---

[35] Dokument tad-Diskussjoni tad-DTI dwar l-Istatus ta' l-Impjiegi, Lulju 2002; ukoll Suċċess fix-Xogħol: Il-Ħarsien ta' Ħaddiema Vulnerabbli, Appoġġ għal Ħaddiema Tajba, id-Dipartiment tar-Renju Unit għall-Kummerċ u l-Industrija, Marzu 2006.

[36] Id-Direttiva tal-Kunsill 86/653/KEE tat-18 ta' Diċembru 1986 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membru li jirrigwardaw aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom.

[37] Ara b'mod speċjali Perulli, op. cit. Kapitolu 3.

[38] *Temporary Agency work in an enlarged European Union, European Foundation*, 2006, p. 1.

Ix-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija huwa rregolat fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri minn taħlita ta' leġiżlazzjoni, ftehimiet kollettivi tax-xogħol u awto-regolazzjoni[39]. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar il-Ħaddiema ta' Aġenziji li joffru x-Xogħol Temporanju tfittex li tistabbilixxi l-prinċipju mhux diskriminatorju biex ikun żgurat li l-ħaddiema minn aġenzija ma jiġux ittrattati inqas favorevolment mill-ħaddiema 'regolari' f''intrapriża ta' utent'[40].

Problemi simili jistgħu jinqalgħu fejn il-ħaddiema jkunu involuti fi ktajjen twal ta' sotto-kuntrattar. Bosta Stati Membri ippruvaw jindirizzaw dawn il-problemi billi jagħmlu lill-kuntratturi ewlenin responsabbli għall-obbligi tas-sottokuntratturi tagħhom taħt sistema ta' responsabbiltà konġunta u solidali. Sistema bħal din tħeġġeġ lill-kuntratturi ewlenin biex jimmonitorjaw il-konformità mal-leġiżlazzjoni ta' l-impjiegi min-naħa tas-sħab kummerċjali tagħhom. Madankollu, tqajjem l-argument li dawn ir-regoli jistgħu jservu biex jirrestrinġu s-sottokuntrattar mill-kumpaniji barranin u, għalhekk, jistgħu jkunu ostaklu għall-provvista ħielsa tas-servizzi fis-Suq Intern. Fil-każistika riċenti dwar l-impjieg ta' ħaddiema, din is-sistema tqieset mezz proċedurali aċċettabbli għall-ħarsien ta' dritt għal rati minimi tal-paga fejn din l-għamla ta' ħarsien tal-ħaddiem hi meħtieġa u proporzjonali u skond l-interess pubbliku[41].

| |
|---|
| Mistoqsijiet<br><br>9. Taħseb li r-responsabbiltajiet tal-partijiet varji fir-relazzjonijiet ta' impjieg multipli għandhom jiġu ċċarati biex jiddeterminaw min huwa responsabbli għall-konformità mad-drittijiet ta' l-impjieg? Ir-responsabbiltà sussidjarja tkun mod effettiv u fattibbli biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà fil-każ tas-sottokuntratturi? Jekk le, taħseb li hemm modi oħrajn biex ikun żgurat ħarsien xieraq tal-ħaddiema f'"relazzjonijiet trijangolari"?<br><br>10. Tesiżti l-ħtieġa li jiġi ċċarat l-istatus ta' l-impjieg tal-ħaddiema temporanji minn aġenzija? |

**d. L-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol**

Il-falliment tal-Kunsill straordinarju ta' l-EPSCO tas-7 ta' Novembru 2006 li jilħaq ftehim enfasizza kemm id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/88/KE u l-każistika rilevanti tal-QEĠ[42] għada sfida partikolari għal ċerti setturi, bħal dak tas-saħħa.

Il-Kummissjoni issa qed tirrevedi s-sitwazzjoni fid-dawl tan-nuqqas ta' progress fil-Kunsill.

| |
|---|
| Mistoqsija<br><br>11. Kif jistgħu jiġu mmodifikati r-rekwiżiti minimi dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol sabiex jipprovdi flessibbiltà ikbar kemm għall-impjegaturi kif ukoll għall-impjegati, filwaqt li jkun żgurat standard għoli ta' ħarsien tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema? X'aspetti ta' l- |

[39] *ibid.*

[40] Proposta emendata għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol għal ħaddiema temporanji - KUMM(2002) 701.

[41] Sakemm sistema bħal din tkun neċessarju u proporzjonata, il-Qorti Ewropea saħqed li l-Artikolu 5 tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas tal-provvista ta' servizzi, interpretat fid-dawl ta' l-Artikolu 49 TEC, ma jipprekludix l-użu ta' sistema bħal din bħala miżura xierqa fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mad-Direttiva. Ara s-Sentenza tal-QEĠ tat-12 ta' Ottubru 2004 fil-Każ C-60/03 Wolff u Müller [2004] ECR I-9553.

[42] Partikolarment, is-sentenzi tal-QEĠ tat-3 ta' Ottubru 2002 fil-Każ C-303/98 (SIMAP) ECR I-7963, tad-9 ta' Ottubru 2003 fil-Każ C-151/02 (Jäger) ECR I-8389, u ta' l-1 ta' Diċembru 2005 fil-Każ C-14/04 (Dellas) ECR I-10253.

organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol jistgħu jiġu indirizzati bi prijorità mill-Komunità?

**e. Il-Mobbiltà tal-ħaddiema**

Jistgħu jintefgħu dubji fuq l-**applikazzjoni konsistenti tal-liġi ta' l-UE dwar ix-xogħol**, partikolarment fil-kuntest ta' l-operat transnazzjonali tan-negozji u s-servizzi, permezz tal-varjazzjonijiet fid-definizzjonijiet tal-ħaddiema użati f'Direttivi differenti. Dan huwa ta' tħassib partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mas-sitwazzjoni tal-ħaddiema fuq il-fruntieri (li jaħdmu f'pajjiż ieħor iżda li jirritornaw lura f'pajjiżhom kuljum jew kull ġimgħa)[43].

Barra mill-kuntest speċifiku tal-moviment liberu tal-ħaddiema, il-maġġoranza tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE dwar ix-xogħol tħalli d-definizzjoni ta' 'ħaddiema' f'idejn l-Istati Membri. Tressaq l-argument li l-Istati Membri għandhom iżommu d-diskrezzjoni huma u jiddeċiedu dwar l-ambitu tad-definizzjonijiet ta' 'ħaddiem' użati f'Direttivi differenti. Madankollu, issokktar ta' referenza għal-liġi nazzjonali minflok dik Komunitarja jista' jaffettwa l-ħarsien tal-ħaddiema speċjalment fejn m'hemmx qbil dwar il-libertà tal-moviment. Id-diffikultajiet assoċjati mad-definizzjonijiet differenti ta' ħaddiem tfaċċaw partikolarment fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tad-direttivi dwar l-impjieg tal-ħaddiema u t-trasferimenti ta' l-impriżi. Id-diverġenza fl-ambitu tad-definizzjonijiet nazzjonali ta' 'impjegat' f'dawn iċ-ċirkostanzi hija diffiċli biex tinġieb f'konformità ma' l-għan tal-politika soċjali tal-Komunità li tilħaq bilanċ bejn il-flessibbiltà u s-sigurtà għall-impjegati.

Mistoqsija

12. Kif jistgħu d-drittijiet ta' l-impjieg tal-ħaddiema li joperaw f'kuntest transnazzjonali, inkluż partikolarment ħaddiema fuq il-fruntiera, jkunu żgurati madwar il-Komunità? Inti tara ħtieġa għal definizzjonijiet iktar konverġenti ta' 'ħaddiem' fid-Direttivi ta' l-UE fl-interessi li jkun żgurat li dawn il-ħaddiema jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet ta' l-impjieg tagħhom, irrispettivament mill-Istat Membru fejn jaħdmu? Jew temmen li l-Istati Membri għandhom iżommu d-diskrezzjoni tagħhom f'din il-kwistjoni?

**f. Kwistjonijiet ta' infurzar u xogħol mhux iddikjarat**

Il-mekkaniżmi ta' infurzar għandhom ikunu biżżejjed biex jiżguraw it-tħaddim tajjeb u l-adattabilità tas-swieq tax-xogħol, jipprevjenu l-ksur tal-liġi tax-xogħol fil-livell nazzjonali u jħarsu d-drittijiet tal-ħaddiema fis-suq emerġenti Ewropew tax-xogħol[44]. F'dan il-kuntest, ix-xogħol mhux iddikjarat jidher bħala karatteristika partikolarment inkwetanti u dejjiema tas-swieq tax-xogħol tal-lum, li ħafna drabi hi marbuta mal-movimenti tax-xogħol minn pajjiż għall-ieħor. Huwa l-fattur ewlieni li jikkontribwixxi għad-*dumping* soċjali, u huwa responsabbli mhux biss għall-esplojtazzjoni tal-ħaddiema iżda wkoll għat-tagħwiġ tal-kompetizzjoni. F'Ottubru 2003, il-Kunsill adotta riżoluzzjoni li ssejjaħ lill-Istati Membri jindirizzaw din il-problema[45]. Il-miżuri ssuġġeriti inkludew miżuri u sanzjonijiet preventivi, kif ukoll sħubijiet bejn l-imsieħba soċjali u l-awtoritajiet pubbliċi fil-livell nazzjonali biex jiġi indirizzat ix-xogħol mhux iddikjarat. Dawn il-miżuri attwalment jirriflettu taħlita ta' inċentivi għall-bdil tax-xogħol mhux iddikjarat f'impjieg regolari; sanzjonijiet u penalitajiet; rabtiet

43 Ara wkoll ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew A5-0338/2000 - ĠU C 262, 18.9.2001, p. 148.

44 Ara ILO Report V(1) *The Employment Relationship* (2005), par 65 Ara wkoll il-problemi enfasizzati fir-Rapport dwar il-Funzjonament ta' l-Arranġamenti Transizzjonali stipulati fit-Trattat ta' Adeżjoni ta' l-2003. Ara wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni KUMM(2006) 159 "*Guidance on the posting of workers within the framework of the provision of services*".

45 Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-bdil tax-xogħol mhux iddikjarat f'impjieg regolari - ĠU C 260, 29.10.2003.

aħjar mas-sistema tat-taxxa u l-benefiċċji tagħha; u simplifikazzjoni amministrattiva jew fiskali.

Il-problema kienet identifikata minn UNICE/UEAPME, CEEP, ETUC, bħala parti integrali tal-bilanċ bejn il-flessibbiltà u s-sigurtà, bħala temi għall-analiżi konġunta fil-programm ta' ħidma ta' l-Imsieħba Soċjali ta' l-UE għall-2006-2008[46].

Il-Ministeri tax-Xogħol u s-servizzi tagħhom għandhom rwol kruċjali x'jaqdu fil-monitoraġġ ta' l-applikazzjoni tal-liġi, il-ġbir ta' *data* affidabbli dwar ix-xejriet tas-suq tax-xogħol u l-bdil fix-xejriet tax-xogħol u l-impjiegi, u t-tfassil ta' sanzjonijiet effettivi u dissważivi biex jiġi miġġieled ix-xogħol mhux iddikjarat u relazzjonijiet ta' impjiegi moħbija. Fil-każ ta' ħaddiema mobbli fit-trasport tat-triq u tal-baħar, in-natura transnazzjonali u *offshore* ta' dawn l-operazzjonijiet f'dawn is-setturi tagħmel l-infurzar kompitu partikolarment iebes[47].

Għaldaqstant, għandu jkun hemm kooperazzjoni aktar effettiva fil-livell nazzjonali bejn l-aġenziji ta' infurzar tal-gvernijiet differenti, bħall-ispettorati tax-xogħol, l-amministrazzjonijiet tas-sigurtà soċjali u l-awtoritajiet tat-taxxa. It-titjib fir-riżorsi u l-għarfien espert ta' dawn l-awtoritajiet li jinfurzaw il-liġi, u fil-kooperazzjoni tagħhom ma' l-imsieħba, jista' jikkontribwixxi għal tnaqqis fl-inċentivi ta' xogħol mhux iddikjarat.

Il-kooperazzjoni amministrattiva msaħħa fil-livell ta' l-UE tista' wkoll tgħin lill-Istati Membri biex jindividwaw u jindirizzaw l-abbuż u l-evażjoni tar-regoli tax-xogħol sabiex tkun żgurata l-konformità mal-liġi Komunitarja. L-Artikolu 10 tat-TKE jistabbilixxi regola ġenerali li timponi dmirijiet reċiproki ta' kooperazzjoni u għajnuna ġenwini fuq l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet Komunitarji u li tirrikjedi li jittieħdu miżuri xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Komunità. Prassi illegali b'dimensjoni internazzjonali sservi biss biex tiġbed l-attenzjoni lejn il-ħtieġa għal iktar kooperazzjoni fil-livell ta' l-UE biex jitjiebu l-istrateġiji u l-għodod ta' spezzjoni użati fl-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-prassi tax-xogħol.

Mistoqsijiet

13. Taħseb li jinħtieġ li tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet rilevanti sabiex tiżdied l-effettività tagħhom fl-infurzar tal-liġi Komunitarja tax-xogħol? Inti tara rwol għall-imsieħba soċjali f'din il-kooperazzjoni?

14. Inti tqis li jinħtieġu iktar inizjattivi fil-livell ta' l-UE biex jappoġġaw l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri fil-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat?

---

46 Programm ta' Ħidma ta l-Imsieħba Soċjali Ewropej, 2006-2008, it-23 ta' Marzu 2006.

47 Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol fit-Trasport tat-Triq – Dispożizzjonijiet għal Dawk li Jaħdmu għal Rashom u għall-Ħinijiet ta' bil-Lejl, rapport ta' riċerka ta' DĠ TREN li se joħroġ dalwaqt.